# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 923

KAZ NRU. 1130

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Joseph Farrugia

u

General Soft Drinks Co Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 16 ta' Frar, 1998

**Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali permezz ta' ittra datata 18 t'April, 1997 Ref. MHS/TI/26/97 biex tigi processata skond il-Provvediment ta' l-Artiklu 28 (2) tal-Kapitlu 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm ghaxar (10) seduti.

Is-Sur Joseph Farrugia aktar il-quddiem jissejjah l-appellant kien assistit mill-avukat Kenneth Cutajar.

Il-General Soft Drinks Co Ltd aktar il-quddiem tissejjah il-kumpanija. L-avukat Andrew Borg Cardona deher ghall-kumpanija li kien assistit mis-Sinjorina Maria Micallef u mis-Sur Alfred Mallia Milanes.

**Xhieda**

| | | |
|---|---|---|
| Maria Micallef | - | Operations Manager |
| Joseph Valletta | - | Spettur tal-Pulizija |
| Paul Aquilina | - | Area Manager |
| Ernest J Murray | - | General Manager |
| Raymond Mallia | - | Jahdem bit-truck |
| Alexander Abela | - | Watchman |
| Maria C Farrugia | - | Il-mara tal-appellant |
| Emanuel Tabone | - | PC 1349 stazzjonat CID |

Joseph Spiteri - Gate Keeper
Joseph Farrugia - l-appellant

**Dokumenti**

Tul is-smigh tal-kaz gewipprezentati s-segwenti dokumenti:-

(i) Kopja ta' pjanta tal-post fejn fuqha gie mmarkat fejn sar l-incident li kien involut fih l-appellant.

(ii) Kopja tal-ftehim kollettiv

**Il-mertu tal-kaz**

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz l-appellant ighid li ghalaq dsatax-il sena jahdem mal-General Soft Drinks Co Ltd, fejn fl-ahhar sitta jew seba' snin kien jahdem bhala gatekeeper.

Nhar it-Tnejn, 24 ta' Marzu, 1997, kien imissu is-shift ta' bejn is-saghtejn ta' wara nofs in-nhar u l-ghaxra ta' fl-ghaxija (02.00p.m. - 10.00p.m.) u huwa beda dan is-shift fis-sitta ta' fl-ghaxija (06.00p.m.) peress li kien ha nofs ta' nhar leave.

Ghal xi s-sebgha u nofs (07.30p.m.), cemplitlu il-mara tieghu u talbithu jnizzel lura d-dar mieghu xi ilma ghall-familja u ghal ohthu.

Ghal xi tmienja ta' fl-ghaxija (08.00p.m.), ghabba tlett pakketti ta' sitt fliexken il-wiehed ilma minerali "Kristal", minn fuq it-trakk bin-numru ta' registrazzjoni 406 ghal gol-karozza tieghu pparkjata barra hdejn il-bieb, minghajr ma seta' jaffettwa l-hlas dak il-hin, peress illi s-sales office ikun miftuh biss fil-ghodu bejn id-disgha u l-hdax.

Qabel ma spicca s-shift tieghu u telaq il-barra huwa qal lil Alex Abela li kien ga fuq il-post tax-xoghol bil-lest ghax-shift tieghu fejn infurmah illi kien ha tlett pakketti ilma minn fuq l-imsemmi trakk u li kien behsiebu jhallas ix-xufier inkarigat mit-trakk l-ghada stess malli jidhol ghal shift iehor fis-saghtejn ta' wara nofs in-nhar (02.00p.m.)

Ghal xi minuta wara li telaq mill-post tax-xoghol wara l-ghaxra ta' fl-ghaxija (10.00p.m.) waqt li kien qed isuq lejn id-dar twaqqaf f'Imdina Road, Qormi minn pulizija li gie b'karozza fejn saritlu tfittxija fil-karozza tieghu, instabu it-tlett pakketti ilma fil-luggage boot.

Wara gie interrogat fid-Depot tal-Pulizija fejn gie rilaxxjat fil-hdax neqsin kwart. (10.45p.m.)

L-ghada, l-25 ta' Marzu, 1997, meta mar lura ghax-xoghol gie msejjah fl-ufficcju tal-kumpanija minn Miss Maria Micallef, ufficjal gholi tal-kumpanija fejn gie akkuzat, fil-prezenza ta' Mr. Ernest J Murray u ohrajn illi nqabad jisraq mill-kumpanija u gie, permezz ta' ittra li jgib id-data tal-25 ta' Marzu, 1997, itterminat l-impjieg tieghu b'effett mill-istess data.

Il-kumpanija fl-istqarrija tal-kaz qalet li l-appellant gie llicenzjat wara li l-Pulizija sabu diversi pakketti tal-ilma, prodott ta' l-intimati, fil-karozza tieghu. Il-Pulizija kienu qeghdin jagixxu fuq informazzjoni mghoddija lilhom mal-intimati, li huma stess kienu qeghdin jagixxu fuq suspett fondat illi kien qed ikun hemm serq mill-fabbrika taghhom. L-appellant kien impjegat bhala gate-keeper ma l-intimati u l-agir tieghu ghalhekk huwa aggravat mill-fatt illi dak li ghamel kien ezattament dak li kien impjegat biex ighasses kontrieh.

**Kunsiderazzjonijiet**

Maria Micallef fix-xhieda taghha qalet li kienet giet infurmata li fil-kumpanija kien hemm min qieghed jiftiehem biex isir xi serq. Fil-fatt ftit wara kienu nsterqu television, video u computer monitor. Fl-24 ta' Marzu 1997, kienet giet infurmata li l-lejla kien hemm affarijiet biex jergghu johorguhom minn gol-gate. Saru l-kuntatti necessarji mad-Depot tal-Pulizija. Micallef qalet li hi kienet prezenti fl-ghaxija flimkien ma' Paul Aquilina ufficjal tal-kumpanija. Kien hemm ukoll prezenti membri tal-Korp tal-Pulizija. Huma osservaw lill-appellant kien qed jiehu pakketti tal-ilma u jerry-can wahda.

Wara li l-appellant spicca mix-xoghol wara l-ghaxra saq il-karozza tieghu ghal ftit metri ghax gie mizmum mill-Pulizija fejn fil-boot tal-karozza kellu tlett pakketti tal-ilma tas-sitt fliexken il-wiehed. Il-pulizija hadithu fl-ufficcju tal-CID id-Depot. Il-pulizija qalu li kien hemm persuna ohra li sabulhu flixkun likwidu kannella li dan ukoll gie eskortat is-CID yard.

Alex Abela xehed li l-appellant qallu li hareg tlett pakketti ilma ghax cemplitlu l-mara ghal xi 8.30p.m. u li gej ihallashom ghada, biex javza l-ghada filghodu lil tat-truck 406 li hargu tlett pakketti ilma. Qal li kien qallu dan meta dahal fid-9.45p.m. qabel ma jibda ix-shift fl-10.00p.m. Peress li jispicca fis-6.00a.m. qal li avza lil Joe Spiteri, tant illi waqt li kien qieghed javzah bil-kaz, cempel Joe Farrugia.

Raymond Mallia xehed hekk " li meta ccekja t-truck mac-checker kien hemm tlieta ilma neqsin; u mort u ghabbejthom mill-warehouse, mill-store" fuq mistoqsija jekk irceviex ebda messagg minghand xi gate-keeper dwar jekk Joe Farrugia ha tlett pakketti, irrisponda, "Le, dak il-hin hadd ma qalli

xejn" mistoqsi x'hin dahal lura qal f'xi s-siegha, is-siegha u nofs. Qal, "li mbaghad gie Guzi, qalli, ha l-flus ta' dawk it-tlett pakketti ilma li sibt neqsin fil-ghodu, qalli ghax dawk jien kont hadthom il-bierah fil-ghaxija, ghamiltlu ircevuta u daqshekk."

Joe Spiteri xehed li dahal ghax-xoghol fis-6.00a.m. waqt li kien qed jippancja qalulu li ghandu telephone, meta irrisponda sab li kien Joe Farrugia u qallu li minn fuq it-truck numru 406 kien ha tlett pakketti ilma. Qal li hu nforma b'dan lil Raymond Mallia x-xufier, meta tela' biex niccekjaw (it-truck) filghodu meta dahal ghax-xoghol hdejn il-gate. Fuq mistoqsija mill-avukat tal-kumpanija, Spiteri qal, "wara li jidlam jew certu hinijiet fit-tard mhux suppost johorgu, jekk ma jkunx hemm kunsens minn xi manager jigifieri ghal xi affarijiet".

**Trattazzjoni Finali**

Fit-trattazzjonijiet finali l-kumpanija sostniet illi l-intenzjoni li hallas apparti li ma taghmel l-ebda differenza ghal dak li jsejhulu r-reat li ghamel l-appellant li ha l-affarijiet minghajr permess, hareg car wara li l-pulizija sabulhu l-pakketti fil-luggage boot tieghu. L-appellant ma halliex xi nota bil-miktub fil-gate house, ma halliex xi envelope bil-flus. Ma ghamel xejn minn dan kollu, kull ma ghandna huwa li halla messagg li min biddlu, "isma lid-driver ighidlu li hadt tlett pakketti ilma". Dan il-kaz hu aggravat ghal fatt li l-appellant kien impjegat specifikament biex jikkontrolla dawn l-affarijiet fejn hu suppost ma jippermettix li jsiru dawn l-affarijiet mhux li jaghmilhom hu stess. Dan ma humiex ighidu li dan seraq jew kellu ntenzjoni li jisraq, kull ma gie stabbilit hu ksur serju tal-procedura tal-kumpanija aggravat mill-fatt li l-appellant kien impjegat specifikament biex ma jsirx dan.

Fit-trattazzjonijiet finali tieghu l-appellant sostna li l-kumpanija trid tibbaza l-kawza taghha fuq ir-raguni li tat fil-mument tat-tkeccija. Fil-25 ta' Marzu, 1997 b'riferenza ghal dak li sehh lejliet, f'ittra indirizzata lill-appellant tghid specifikament, illi inti tkeccejt mix-xoghol minhabba li l-bierah inqbadt tisraq u ma' ssemmi l-ebda raguni ohra. Sostna illi anki l-hsieb tal-kumpanija mhux fir-realta' dak li jkecci jekk l-oggett inhareg bla permess, imma jkecci biss jekk l-oggett insteraq, ikkwota mill-istess xhieda ta' Murray ighid illi r-raguni ghalfejn l-appellant tkecca li ghax seraq, kif fehmuha huma. Fil-fatt Murray jghidilna wkoll li Brian Mizzi kien kellmu u qallu f'kaz illi dan huwa wiehed ta' serq, iva nkeccu.

**Konkluzjoni**

L-appellant gie tterminat mill-impjieg tieghu fil-25 ta' Marzu, 1997 skond ittra li jgib l-istess data fejn il-kumpanija qaltlu li qieghed tigi terminat b'effett mill-llum

stess u dan peress illi l-bierah inti nqbadt tisraq mill-kumpanija.

It-Tribunal josserva illi waqt illi sew fl-ittra ndikata kemm matul is-smigh tal-kaz kien dejjem l-element ta' serq li kien quddiem it-Tribunal. Fit-trattazzjoni finali il-kumpanija qalet li ma humiex jghidu li dan seraq jew kellu ntenzjoni li jisraq. Kull ma gie stabbilit hu ksur serju tal-procedura tal-kumpanija aggravat mill-fatt li l-appellant kien impjegat specifikament biex ma jsirx dan.

L-appellant min-naha tieghu sostna li hu kien avza lill-siehbu Alex Abela li biddlu fix-shift qabel ma halla l-post voldieri qabel ma nqabad mill-pulizija sabiex jghid lil tat-truck, Raymond Mallia li ha tlett pakketti ilma u li kellu jmur ihallsu l-ghada. Dana kollu intqal fix-xhieda sew ta' Alex Abela u ta' Joe Spiteri.

It-Tribunal jikkonsidra li l-akkuza ta' serq jew li l-appellant inqabad jisraq mill-kumpanija ma rrizultax mix-xhieda li kien fatt ta' serq. Min jisraq ma jhallix risposta ma' kollega tieghu biex javza li l-ghada jigi u jhallas tal-pakketti li kien ha.

Il-kumpanija kienet tkun aktar propja kieku imxiet mal-Ftehim Kollettiv ezistenti, artiklu 22, dwar, "shift and other criminal offences". Il-kumpanija itterminat l-impjieg wara li l-appellant inqabad mill-pulizija fil-pussess ta'material tal-kumpanija u ammetta, izda qal lill-pulizija li kien halla risposta ma' siehbu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal wara li jikkonsidra l-fatti tal-kaz jifhem illi l-kaz ma kienx ta' serq. Ghalhekk, l-akkuza ta' serq ma hix ikkunsidrat valida. Zgur li l-appellant naqas meta bhala gate-keeper ghamel dak li ghamel, izda tkeccija mill-impjieg ma hux il-mod kif kellu jigi trattat dan il-kaz.

It-Tribunal jiddeciedi li fic-cirkustanza t-tkeccija mill-impjieg ma kienetx gusta. L-appellant ghandu jiehu l-impjieg li kellu minghajr telf ta'paga ghaz-zmien kollu li ilu barra mill-impjieg.

Ghall-finijiet ta' L-avviz Legali Numru 48 ta' 1986 it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' LM40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

ALPHONSE CARUANA
CHAIRMAN

JOYCE AGIUS
A/SEGRETARJA